Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 513/2015

Il-Pulizja

Spettur Trevor Micallef

Vs

Moumen Troure

Illum 27 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Moumen Troure detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 43874 A, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gżejjer, fil-11 ta' Diċembru 2014 u fis-7 ta' Ġunju 2015, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda (Art. 18 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta):-

1. Fil-11 ta' Diċembru 2014 għall-ħabta tal-ħdax u għoxrin ta' filgħodu (11:20am) ikkommetta serq ta' oġġetti għad-detriment ta' Brian Mizzi u/jew Arkadia Foodstore, Portomaso u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra (Art. 285 Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

2. Nhar is-07 ta' Ġunju 2015 għall-ħabta tal-ħamsa neqsin għoxrin ta' wara nofs in-nhar (04:40pm) ikkommetta serq ta' oġġetti għad-detriment ta' Brian Mizzi u/jew Arkadia Foodstore, Portomaso u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra (Art. 285 Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

3. U aktar talli fis-7 ta' Ġunju 2015 għal ħabta tal-ħamsa neqsin għoxrin ta' wara nofs in-nhar (04:40pm) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja fil-periklu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-ġisem ta' Jeffrey John Cosgrove (Art. 216 Kap9 tal-Liġijiet ta' Malta).

4. U aktar talli fis-7 ta' Ġunju 2015 għal-ħabta tal-ħamsa neqsin għoxrin ta' wara nofs in-nhar (04:40pm) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja fil-periklu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-ġisem ta' Simon Cosby. (Art. 221 Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuni ta' Simon Cosby u Jeffrey John Cosgrove sabiex jinġurjahom, idejjaqhom jew jagħmlilhom il-ħsara (Art. 339 (1)(d) Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

6. U aktar talli fis-7 ta' Ġunju 2015 u x-xhur ta' qabel, wara li sab ħwejjeg ċioe' mobile phone tal-għamla Samsung GT-S6500D li kienu naqsu lil Vladica Stevanovic u/jew persuni oħra jew li kienet tilfet, ma għarafx bihom fi żmien tlett ijiem lill-Pulizija Eżekuttiva. (Art. 340(c) Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

U aktar talli kiser Ordni tal-Probation li ngħatat fis-7 ta' Novembru 2014 mill-Maġistrat Dr. A. Bugeja LL.D.

U finalment talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi f' dawn il-Gżejjer irrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li dan kien ġie misjub ħati b' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-4 ta' Novembru, 2015, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tas-sitt imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 49, 50, 214, 215, 216(1)(d), 221(3) u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah disa' xhur priġunerija u qed titratta miegħu għar-reati li tagħhom instab ħati fis-7 ta' Novembru 2014 u għalihom tikkundannah tmintax il-xahar priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Moumen Troure, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Novembru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti li jekk ikun joġogħba li għar-raġunijiet premessi u għal raġunijiet oħra li jistgħu jinġiebu 'l quddiem waqt is-smiegħ orali ta' dan l-appell, tirriforma s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-4 ta' Novembru, 2015 fil-kawża fl-ismijiet premessi u dan billi tikkonfermaha in kwantu l-esponent ma ġiex misjub ħati tas-sitt akkuża miġjuba kontra tiegħu u li minnha ġie lliberat, u tirrevokha u tħassarha in kwantu għal kumplament u tiddikjara lill-esponent mhux ħati tal-ebda waħda mill-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu u minnhom tilliberah u konsewentament teħilsu minn kull ħtija u piena, inkluża l-piena fuqu inflitta għar-riċediva u għal ksur tal-Ordni ta' Probation li taħtha kien ġie impoġġi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-7 ta' Novembru, 2014 u fin-nuqqas ta' liberazzjoni kompleta jew fil-każ ta' liberazzjoni parzjali tissostitwixxi l-piena fuqu inflitta mill-Ewwel Qorti b' piena oħra li tkun tagħmel aħjar għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Moumen Troure huma s-segwenti w cioe':-

1. Fl-atti tal-kawża ġew esebiti diski elettroniċi (CD's) allegatament meħuda mis-CCTV Systemu tal-Arcadia Store. Fuq waħda minnhom ġiet ibbażata w instabet ħtija fl-akkuża tad-delitt ta' serq li allegatament seħħ fil-11 ta' Diċembru, 2014. L-oħra kienet tal-inċidenti li ġraw fis-7 ta' Ġunju, 2015. L-ebda waħda minn dawn id-diski elettroniċi (CD's) ma ġiet murija waqt xi udjenza tal-Qorti b' mod li seta' jaraha l-esponent. Hu veru li d-difensur tal-esponent ġie mogħti kopja ta' dawn id-diski, iżda f' dak li seta' jikkonstata d-difensur tal-esponent fl-ebda waħda minn dawn id-diski ma jidher li l-esponent kien ħa xi oġġetti mill-Arcadia Store li ma kienx ħallas għalihom. Hu x' inhu dan in-nuqqas jammonta għal irregolarita' proċedurali sostanzjali peress li akkużat għandu kull dritt li jkollu l-opportunita' li jeżamina l-prova/i miġjuba kontra tiegħu biex ikun jista' jissindikahom.
2. Illi f' dan il-każ jidher ċar, u dan skond is-sentenza appellata stess, li l-esponent ġie misjub ħati tad-delitt ta' serq li allegatament ġara fil-11 ta' Diċembru, 2014 fuq prova li ma ġietx impoġġija a konjizzjoni tal-esponent.
3. Illi oltre' dan hemm dubbju serju dwar kif ġiet prodotta id-diska elettronika (CD) b' konnessjoni mas-serq li allegatament seħħ fil-11 ta' Diċembru, 2014. Ma ġie nominat l-ebda espert biex per eżempju jikkonstata jekk dik id-diska elettronika (CD) kienetx waħda ġenwina jew waħda manipulata u dan anke jekk fil-kamp kriminali l-prova li l-prosekuzzjoni jenħtieġila tagħmel biex tkun tista' tinstab ħtija hi dik fil-grad ta' mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni.
4. Illi fil-fatt ħadd ma xehed li personalment ra lill-akkużat jikkometti d-delitt ta' serq fil-11 ta' Di1embru, 2014 u dak li xhedu dwaru f' Ġunju/Lulju, 2015 hu dak li qalu li deher f' diska allegatament meħuda minn recordings li kienu saru fil-11 ta' Diċembru, 2014 u li allegatament jaħsbu li juru lill-esponent ħiereġ bl-affarijiet li kien ħa mill-istore mingħajr ma kien ħallas għalihom. Skond il-liġi tagħna xhud ordinarju ma jistax jagħti opinjoni. Minn naħa tiegħu l-esponent ċaħad li qatt ma kien ikkometta xi serq mill-Arcadia Foodstore.

5. Illi fir-rigward tal-akkuża tal-allegat serq tas-7 ta' Ġunju, 2015 jidher ċar li dak li seħħ kien il-frott ta' malintiż jew malintiżi li seħħew f' tebqa t'għajn u dan kemm għax Cosby, il-persuna nkarigata mis-sigurta', kellu f' moħħu li l-esponent kien jinsab fil-ħanut biex jisraq, tant li kien avża' liż-żewġ kaxxiera biex joqgħodu attenti għall-esponent, kemm għax waqt li l-esponent fettillu jaqbeż l-kju biex imur fuq il-kaxxiera li kienet għadha kif fetħet jew se tiftaħ il-cash point l-ieħor, u minflok ma għadda minn naħa ta' wara għadda minn wara il-klijenti l-oħra li kienu fil-kju u b'hekk ġie quddiem il-cash point minflok minn warajh, u kemm għax kif il-kaxxiera rat lill-esponent quddiem il-cash point minflok minn warajh, u kemm għax kif il-kaxxiera rat lill-esponent quddiem il-cash point din minflok ma qaltlu biex jagħtiha l-affarijiet li kellu fil-basket tal-istore talbitu r-riċevuta u sejjħet lil Cosby. Madankollu jekk wieħed kellu jifli l-filmat fuq id-diska elettronika b' konnessjoni ma dak li ġara' fis-7 ta' Ġunju, 2015 anke jekk din ma ġietx murija lill-esponent waqt il-proċess, wieħed għandu jinnota li l-esponent x' ħin ħareġ minn wara l-cash point tal-kaxxiera li kellha l-kju dawwar ir-rotta għan-naħa tal-kaxxiera l-oħra, u ċioe' dik li talbitu l-irċevuta. Biex din talbitu r-riċevuta żgur li l-esponent kien wiċċ imb' wiċċ magħha u għalhekk fil-qrib ħafna tagħha. U jekk kien fil-qrib tagħha hu wkoll żgur li l-esponent, u l-oġġetti li kellu fil-basket tal-istore, kienu għadhom fl-isfera tal-pussess tal-pussessur tal-oġġetti.

6. Illi f' dan ir-rigward ġie stabbilit li l-esponent kellu fuqu s-somma ta' €130 filwaqt li dak li kellu fil-basket propjeta' tal-istore kellu valur ta' €83 at selling price għax at cost price kien inqas. L-esponent ma nstabu l-ebda oġġett fuq il-persuna tiegħu u l-oġġetti li kien ħa minn fuq l-ixkafef tal-istore kienu kolha fil-basket tal-istore. Jekk l-esponent kellu intenzjoni li jisraq billi ma jħallasx tal-prodotti li kien ħa b' mod leċitu minn fuq l-ixkafef meta kien li l-esponent ifforma din l-intenzjoni għax biex dan hu delitt biex jiġi kkunsmat l-intenzjoni trid tkun takkumpanjha l-actus reus.

7. Illi flimkien mal-indizji li juru li l-esponent qatt ma kellu l-intenzjoni li jisraq billi ma jħallasx, hemm ukoll ix-xhieda tal-esponent li jgħid li hu qatt ma

kellu l-intenzjoni li ma jħallasx u kif il-kaxxiera talbitu r-riċevuta hu qalilha li hu kien ser iħallas. Imma peress li Cosby, u l-kaxxiera kif istruwita min Cosby, kellhom f' moħħhom li dan kien mar hemm biex jisraq, kif appena dan forsi għamel żball li qabeż il-cash point, dawn mill-ewwel u mingħajr ma taw benefit of the doubt lill-esponent u ħallew iż-żmien jgħaddi biex jaraw x' kien ser jiġri waslu għal konklużjoni erronea tagħhom u Cosby ma ried jaf b' xejn għajr li jdaħħal lil esponent fl-uffiċju tiegħu u jsejjaħ lill-Pulzija.

8. Illi miċ-ċirkustanzi u xhieda hawn fuq imsemmija jidher li l-esponent, almenu fuq bażi ta' probabilita', ipprova li hu ma kellu l-ebda intenzjoni li jisraq. U jekk ma hemmx prova mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni dwar l-intenzjoni ta' serq da parti tal-esponent dan ma jistax jinstab ħati ta' serq fis-7 ta' Ġunju, 2015 kif ġie akkużat. Oltre l-intenzjoni, bħala fatt, meta l-esponent ġie mitlub minn Cosby biex jidħol fl-uffiċċju l-esponent kien għadu fl-isfera tal-pussess ta' sid l-oġġetti. Hu sinifikanti ħafna ħafna f' dan ir-rigward dak li PS 1245 xehed fis-6 ta' Lulju, 2015 meta qal: 'fis-7 ta' Ġunju ta' din is-sena għal ħabta tal-ħamsa neqsin għoxrin ta' filgħaxija kont qiegħed xogħol fl-Għassa ta' San Ġiljan u irċevejna telefonata li kien hemm mill-Arcadia Foodstore li jinsab f' .... Street, San Ġiljan, kien qed jinżamm persuna li kien inqabad jipprova jisraq'. Din it-telefonata saret minn Cosby. Anke f' dan ir-rigward id-dubju raġonevoli dwar l-actus reus u dwar il-konsumazzjoni tad-delitt għandu jmur favur l-akkużat.

9. Illi f'dan ir-rigward tal-feriti allegatament imġarrba minn Cosby u Cosgrove għandu qabel xejn jingħad illi kienu , l-ewwel Cosby, u imbagħad kif dan safa' mgħejjun minn Cosgrove, li ma kienx jaf għaliex kien hemm kollutazzjoni bejn Cosby u l-esponenti, li middew u / jew żammew mal-art lill-esponent u dan b' wiċċu magħfus mal-art u b' hekk kienu qed jarrestaw u jissekwestraw lill-esponent. F' tali ċirkostanzi l-esponent kellu kull dritt jirreaġixxi bil-mod li seta', li kien wieħed ristrett ħafna, l-ewwelnet għax fil-fehma tiegħu hu kien qed jiġi assoġġettat għal arrest illegali u għal sekwestru tal-persuna tiegħu b' mod illegali, u fit-tieni lok għax hu kien qed

jiġi aggredit, fil-fehma tiegħu, mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi. Apparti minn dan, hi reazzjoni naturali w istintiva ta' kull bniedem li jipprova jitħabat biex jipprova jeħles minn aggressjoni speċjalment fil-pożiżżjoni li fiha l-esponent kien fiżikament miżmum.

10. Illi hu prinċipju legali li min jiġi aggredit mingħajr raġuni valida fil-liġi, u dan fil-fehma tal-aggredit, u għalhekk b' mod suġġettiv, li jista' ukoll ikun oġġett ta' żball ta' fatt, li fil liġi penali tagħna jista' jammonta għal nuqqas ksur tal-liġi, għandu dritt jirreaġixxi għall-aggressjoni minnu subita u dan sakemm tali reazzjoni tkun waħda raġonevoli fiċ-ċirkostanzi. Vim vi repellere licet. Bl-istess mod li Cosby ħass li kellu jarresta u jissekwestra lill-esponent għax fil-fehma tiegħu dan kien għadu kif ikkometta tentattiv ta' serq, u ħadd ma ħa l-ebda proċeduri kriminali kontra tiegħu, l-esponent ukoll kien intitolat li jirreaġixxi għal arrest u sekwestru, fil-fehma tiegħu abbużivi w illegali da parti ta' Cosby u Cosgrove, li aġixxew b' metodu li normalment jintuża biex wieħed jirrestrinġi annimali u mhux bnedmin.

11. Illi hu prinċipju legali ieħor li volenti non fit iniuri. Min jiddeċiedi li jidħol f' taqbida ibati l-konsegwenzi riżultanti fil-persuna tiegħu.

12. Imma f' dan il-każ, il-feriti ċertifikati kienu b' riżultat ta' xi ħaġa li għamel l-esponent jew b' riżultat tal-istess azzjonijiet magħmula mill-istess aggressuri tal-esponent? Illi biex l-esponent ikun jista; jinstab ħati ta' feriti fuq ħaddieħor, ta' natura ħafifa jew gravi, fl-ewwel lok irid ikun hemm il-prova mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni li dawk il-feriti ikunu ġew ikkawżati mill-esponent. F' dan il-każ jista' wieħed jasal għal konklużjoni mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni li filwaqt li l-esponent kien b'wiċċu u bil-kumplament ta' ġismu miżmum mal-art minn żewġt irġiel imdaqqsin bħal ma huma Cosby u Cosgrove li kien miżmum fi speċi ta' morsa b' dawn b' ġisimhom fuqhom, li l-feriti li dawn setgħu ġarrbu ma ġewx ikkaġjunati minnhom stess, bħal pereżempju b' tgħafis b' ġisimhom fuq il-vittma tagħhom li kien taħthom? Barra min dan, biex l-esponent ikun jista' jiġi ppruvat mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni li l-esponent kellu l-animus nocendi, u ċioe' l-intenzjoni ġenerika li jagħmel ħsara fuq il-persuna tal-

aggressuri tiegħu u mhux sempliċiment l-intenzjoni li jeħles minn taħt idejn l-aggressuri tiegħu. Għax f' nuqqas ta' prova mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni tan-ness bejn l-azzjoni tal-esponent u l-feriti mġarrba ma tistax tinstab ħtija fl-esponent. Ukoll f' nuqqas ta' prova mingħajr ebda dubjudettat mir-raġuni li l-esponent kellu l-animus nocendi ma tistax tinstab ħtija fl-esponent. Għax il-feriti jistgħu wkoll ikun ir-riżultat ta' att ta' negliġenza, li wkoll trid tiġi ppruvata fil-grad li trid il-liġi kemm għal dak li għandu x' jaqsam mal-actus reus u l-mens rea, għax in-negliġenza tammonta għal delitt, jew aċċident li mhux punibbli.

13. Imma f' dan il-każ saret prova mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni li kien hemm xi feriti ta' natura ħafifa taħt l-art. 221 skond l-akkuża (l-art. 221(3) skond is-sentenza appellata) tal-Kap 9 u / jew ta' natura gravi taħt l-art. 216 akont l-akkuża (l-art. 216 (1) (d) skond is-sentenza appellata) tal-Kap 9?

14. Illi fil-każ ta' Cosby il-ferita allegatament subita minnu hi dik ta' natura ħafifa. Din ġiet ċertifikata minn Dr Wayne Tonna mhux għax dan ra xi ħaġa iżda għax Cosby qallu li kien qed iħoss uġiegħ. Apparti l-fatt li Dr Tonna xhed bħala xhud ordinarju u mhux bħala espert tal-Qorti, ma xhiex kienkompatibbli l-uġiegħ allegat minn Cosby ma ġiex stabbilit. L-Ewwel Qorti ikkwotat lill Profs. Mamo biex waslet għal konklżjoni li Cosby sofra ferita ta' natura ħafifa taħt l-art. 221(3) tal-Kap 9, li fi kwalunkwe każ, skond is-subinċiż (4) tal-istess artiklu akkuża bħal din trid ad valididatem il-kwerela tal-parti leża biex tkun tista' miġjuba 'l quddiem u li f'dan il-każ tali kwerela ma tirriżultax.

15. Illi apparti n-nuqqas ta' kwerela, skond kif ġie kwotat il-Profs Mamo, dan kiteb hekk: 'a stab or a cut or any contused lacerated wound or mental shock or any other hurt or injury calculated to interfere with the health or comfort of a person'. Jidher li din il-kwoazzjoni il-Profs Mamo ħadha mis-sentenza Ingliża Donovan (1934). L-awtur Peter Giles – Criminal Law – third Edition, f' paġna 551, jgħid hekk: 'Actual bodily harm has been defined (or described) thus; it has, (u hawn jikkwota minn Donovan (1934) "its ordinary meaning and includes any hurt or injury calculated to interfere with the

health or comfort of V. **Such hurt or injury need not to be permanent but must, no doubt, be more than merely transient or trifling".** (kliem bil-bold tal-esponent). Dan il-kliem fil-bold ma ġiex ikkwotat mill-Ewwel Qorti għax jidher li Profs Mamo ma jsemmihx. Imma fis-sentenza Ingliża su ċitata jeżisti.

16. Illi mela, fil-każ tal-allegata ferita ħafifa u ta' importanza żgħira allegatament subita minn Cosby, kif sabet l-Ewwel Qorti, apparti l-fatt li ma saritx prova mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni li l-allegata ferita ġiet kawżata mill-esponent u/jew li l-esponent kellu l-animus nocedi, u li l-esponent ma kienx qed jirreaġixxi għal aggressjoni li kien qed jissubixxi b' mod leġittimu u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi, hemm ukoll dubju serju dwar jekk dak li qal li ħass Cosby jammontax għal ferita.

17. Illi fil-każ ta' Cosgrove hemm żewġ versjonijiet konfliġġenti ta' veru u mhux apparenti kif qalet l-Ewwel Qorti. Għalkemm fl-Isptar Mater Dei ittieħdu X-Rays fuq Cosgrove fil-fatt ma rriżulta xejn ħażin. Bħal fil-każ ta' Cosby, Dr Wayne Tonna ċċertifika li Cosgrove kellu ferita ta' natura ħafifa mhux għax ikkonstata xi ħaġa, b' għajnejh jew permezz tal-X-Rays, iżda għax Cosgrove qallu li kien qed iħoss uġigħ. Illi f' dan ir-rigward ta' Cosby jgħodd ukoll fir-rigward ta' Cosgrove.

18. Imma għall-ewwel darba u fil-Qorti meta beda jinstema l-każ kontra l-esponent waqt is-seduta tad-Distrett , Cosgrove ħab ċertifikat li kien hu sofra ferita ta' natura gravi għax kellu xi kustilja miksura. Apparti l-fatt li ċ-ċertifikat mediku li ħareġ Dr Anthony Buttigieg għamlu fuq li qalli ħaddieħor, u allura dak li qal Dr Buttigieg hu hearsay evidence għal dak li għandu x' jaqsam ma dak kontenut fl-istess ċertifikat li rrilaxxja hu u li kkonferma bil-ġurament fil-Qorti (fil-fatt meta xhed Dr Buttigieg fl-udjenza tas-6 ta' Lulju, 2015 qal hekk: 'Jien l-X-ray ġie rrapurtat mir-radiologist l-ispecialist tal-X-Rays li jkun preżenti hemmhekk', u liema speċjalista lanqas biss nafu min hu jew hi u aħseb u ara kemm ġiet j/tixhed). Barra minn hekk Dr Buttigieg ma kienx appuntat bħala espert tal-Qorti anzi hu xhud interessata fil-parti allegatament li ġiet leża. Apparti minn hekk, ħadd ma

xehed dwar kemm Cosgrove dam biex fieq minn dak li hu qal li kien qed isofri minnu. Biex ikollok l-uġiegħ li ddeskriva Cosgrove mhux bilfors ikollok ksur iżda jista' jkun ukoll mqsim tal-laħamli hemm bejn il-kustilji. Mela hawnhekk, ukoll minħabba f' konflitt fil-provi li waħda minnhom hi bażata fuq hearsay evidence u l-oħra fuq li qal Cosgrove, u allura wkoll frott ta'hearsay evidence u dan kemm dwar il-ferita nnifisha u dwar in-natura tagħha, hemm ċertament id-dubblu raġonevoli dwar kemm Cosgrove sofra ferita ta' natura gravi per durata a tenur tal-art. 216 (1) (d) tal-Kap 9 kif sabet l-Ewwel Qorti.

19. Imma anke kieku kellu jiġi ritenut li ġie ppruvat mingħajr ebda dubju raġonevoli li Cosgrove sofra ferita ta' natura gravi per durata, dak kollhu li nghad fir-rigward ta' Cosby dwar kif ġrat din il-ferita u dwar kif ġrat din il-ferita u dwar min kien responsabbli, jgħodd mutatis mutandis għal Cosgrove, li ċertament mar minn rajh biex iżomm mal-art lill-esponent bħal ma wieħed iżomm bhima u mhux bniedem u dan għal madwar għoxrin minuta.

20. Illi dwar il-ħames akkuża, u ċioe' dik dwar il-kontravenzjoni addebitata lill-esponent, li tagħha wkoll ġie misjub ħati, kif irriżulta ampjament mill-provi, l-esponent m' għamel xejn min dak allegat fil-konfront tiegħu għax fil-fatt kienu l-ewwel Cosby u imbagħad Cosgrove, li żammew taħthom lill-esponent b' wiċċu mafgħus mal-art u almenu b' wieħed minnhom jgħafas fuqu u l-ieħor iżommlu jdejh kif xedhu li sabu lill-esponent, lill-Cosby u lill-Cosgrove il-membri tal-Korp tal-Pulizija li marru fuq il-post.

21. Illi finalment l-esponent jilmenta li l-piena karċerarja fuqu imposta, speċjalment dik konnessa mal-ksur tal-Ordni tal-Probation li kien tpoġġa taħtha l-esponent fis-7 ta' Novembru 2015, li hi d-doppju ta' dik inflitta għal ħames akkużi flimkien li dwarhom l-esponent ġie misjub ħati, hi waħda gravuża ferm speċjalment fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti iqanqal kwistjoni dwar l-ammissibbilita tal-prova maghmula mill-prosekuzzjoni permezz ta' filmati mehuda minn CCTV camera installat fil-post fejn sehhew l-atti inkriminatorji allegatment kommessi mill-appellanti. Issa meta il-Qorti tqies illi prova hija inammissibbli u ghalhekk tiskartaha, dik il-prova trid tkun tali illi tippresupponi xi disposizzjoni tal-liġi li teskludieha milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. Illi allura il-Qorti trid timxi b'cirkospezzjoni kbira sabiex tqies jekk il-prova li l-akkuzat qed ifittex li ixejjen tmurx kontra l-ispirtu tal-ligi li tirregola l-valur probatorju u l-ammissibbilita taghha. Issa l-appellanti jilmenta illi il-filmati li juru l-incidenti li sehhew fil-11 ta' Dicembru 2014 u is-07 ta' Gunju 2015 ma kenux ingiebu a konjizzjoni tieghu billi ma gewx murija fil-qorti bil-miftuh u inoltre fir-rigward ta'l-incident li sehh f' Dicembru 2014, stante illi din kienet l-unika priova li wasslet ghal kundanna tieghu fuq dan l-incident, din hija *unsafe and unsatisfactory* billi qatt ma gie nominat espert sabiex jirrelata dwar l-awtenticita' ta'l-istess.

Edrick Sultana xehed illi il-filmat tal-11 ta' Dicembru 2014 kien issejvjah fuq il-kompjuter tieghu billi minn dak li kien jidher fuq il-filmat kien hemm kaz ta' serq mill-istabbiliment Arkadia. Izda qatt ma ghaddieh lill-pulizija hlief wara li sehhet is-serqa f'Gunju meta imbaghad hareg kopji ta' dawn iz-zewg filmati li sussegwentement gew esebieti fil-Qorti. Il-kaxxiera certu Nadesh Borg li waqqfet lill-appellanti fl-incident tal-11 ta' Dicembru qatt ma tressqet bhala xhud.

Illi ibda biex mill-atti jirrizulta illi ghalkemm huwa minnu illi l-filmati qatt ma gew murija fil-qorti bil-miftuh u ghalkemm huwa minnu illi qatt ma gie innominat espert sabiex jeleva il-filmati u johrog il-kontenut taghhom, madanakollu jirrizulta illi d-difiza kellha f'ideja kopja ta' dawn il-filmati esebieti sabiex setghet tqies il-valur probatorju taghhom u sabiex tikkontrolla dak illi gie mistqarr mix-xhieda li identifikaw lill-appellanti minn fuq dawn il-filmati u xhedu dwar il-fatti riportati fihom.

Issa l-identifikazzjoni jew ir-rikonoxximent maghmul mix-xhud jibqa' dejjem suxxettibbli ghall-imperfezzjonijiet tal-osservazzjonijiet umani u ghall-possibbilitajiet kollha ta' zball genwin illi ifisser allura illi min hu imsejjah biex

jiggudika irid japplika dik il-kawtela specjali qabel ma jasal ghal kundanna ibbazata fuq dik l-identifikazzjoni u dan dejjem jekk dawn ix-xhieda fil-kors tal-proceduri jaghmlu dik l-identifikazzjoni. Issa fil-kaz tas-serqa ta' Dicembru 2014 din l-identifikazzjoni saret minn fuq il-filmat biss.

Illi fil-kaz **Regina v Caldwell and Dixon** (1993 CLR862), fejn kienet saret identifikazzjoni tal-malviventi mill-puzlija minn fuq *video-recording* li kienet ittiehdet tas-serqa mertu tal-kaz inghad hekk:

***"When the identification/recognition of a suspect is made by a police officer as a result of previous dealings with that person, the identification is admissible - R v Caldwell and Dixon 1993 CLR 862. Much will depend on the circumstances of the recognition: if it is followed by an immediate arrest, there is no break in the chain from observation to arrest, but if the identifying officer does not immediately arrest the suspect, formal identification procedures should be followed to avoid the risk of the officer's recognition evidence being ruled inadmissible."***

Issa ma jidhirx illi l-appellanti qieghed jikkontesta l-fatt illi l-persuna li tidher fiz-zewg filmati huwa l-persuna tieghu. Fil-fatt fix-xhieda moghtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti huwa jammetti illi kien mar jixtri fis-supermarket ta'l-Arcadia gewwa Portomaso f'tlett okkazzjonijiet fosthom dik l-okkazzjoni f' Dicembru 2014 u ohra fil-jum tas-07 ta' Gunju 2015. Dak illi huwa jikkontesta hija l-allegazzjoni illi huwa hareg mis-supermarket minghajr ma hallas ghaliex isostni illi f'kull okkazzjoni li mar jixtri huwa hallas ghal merce li akkwista. Dan ifisser allura illi l-identifikazzjoni tal-persuna ta'l-appellanti minn fuq il-filmati hija prova ammissibbli billi mhux biss x-xhud igharaf lill-appellanti bhala l-istess persuna li jidher fil-filmat ta' Dicembru 2014 u bhala l-istess persuna li gie imwaqqaf fis-supermarket f'Gunju 2015, izda l-appellanti stess jikkonferma illi huwa mar jixtri f'dawn iz-zewg okkazzjonijiet. Kwindi l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tistrieh fuq il-prova maghmula permezz tal-filmat tac-CCTV mhux biss ghaliex l-appellanti inghata kopja taghha u kellu kull okkazzjoni jezaminaha u iressaq il-provi li ried biex ixejjen dina l-evidenza, haga li baqa' ma ghamilx, izda ukoll ghaliex jintgharaf bhala l-istess

persuna li jidher fuq dan il-filmat u *ex admissis* ighid illi kien hemm okkazzjoni f'Dicembru 2014 meta huwa mar jixtri fis-supermarket.

Illi fil-ktieb tieghu Cross, On Evidence (6th edition) jaghti definizzjoni ta' dak imsejjah bhala real evidence:

*'Things are an independent species of evidence as their production calls upon the court to reach conclusions on the basis of its own perception and not on that of witnesses directly or indirectly reported to it ... Although it was devised by Bentham and adopted by Best, 'Real evidence' is not a term which had received the blessing of common judicial usage. There is general agreement that it covers the production of material objects for inspection by the judge or jury in court, but it is debatable how much further the term should be extended'.*

Cross imbaghad ighaddi sabiex jaghti diversi ezempji ta' dak illi jikkostitwixxi "real evidence" u fost dawn l-ezempji huwa jinkludi automatic recordings u ighid:

*'Most discussion has hitherto centred on the admissibility of tape-recordings, but this has now been supplemented by a thin trickle of authority on the admissibility of other media such as film, video-tape and computer output. In all of these cases the evidence is real evidence when it is tendered to show what it was that was recorded'.*

L-awtur Murphy, imbaghad fil-ktieb tieghu 'A Practical Approach to Evidence' (3rd Ed) jaghti dina id-definizzjoni ta' 'Real evidence' (fol. 7):

*'A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. …*

*'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'.*

Ikompli:

*'The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant and that the recording produced is authentic and original ... The above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above" see eg 'R v Dodson; R v Williams [1984] Crim LR 489; see "Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1979'.*

Maghmula ghalhekk din l-esposizzjoni gurisprudenzjali u fattwaliil-Qorti ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha titbieghed mill-hsieb milhuq mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha. Ghaldaqstant dan l-ewwel aggravvju qed jigi rigettat.

Illi l-appellanti, iressaq aggravju dwar l-allegat serqa tas-07 ta' Gunju 2015 u dan billi isostni illi l-Qorti ma ghamlitx apprezzament xieraq tal-provi li kellha quddimeha u dan billi minn ezami ta'l-atti probatorji kellu johrog illi l-provi dwar il-*mens rea* ta'l-appellanti mehtieg ghar-reat tas-serq kien nieqes. Isostni illi huwa kellu il-flus fuqu u kien ser ihallas ghal merce li kien qieghed igorr u meta gie mizmum mill-kaxxiera u sussegwentement mill-ufficjal tas-sigurta Cosby, hu kien sejjer fuq kaxxiera ohra biex ihallas. Illi kif gie ribadit diversi drabi min dawn il-qrati, qorti ta' revizjoni qajla iccaqlaq l-apprezzament li ikun sar mill-Ewwel Qorti tal-provi mismugha u migbura minnha u dan ghaliex dik il-qorti kellha okkazzjoni ahjar tezamina dawk il-provi b'mod specjali il-komportament tax-xhieda fuq il-pedana, haga li sfortunatament din il-Qorti ma kellhiex il-privilegg li tara. Illi allura l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti huwa dak illi taghmel apprezzament approfondit ta'l-atti probatorji sabiex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Issa din il-qorti ezaminat mill-gdid l-atti processwali b'mod specjali ix-xhieda ta'l-appellanti li ghogbu jirrinunzja ghall jedd tieghu ghas-silenzju sabiex jirrakonta il-versjoni tieghu tal-fatti. Issa dak li kien jenhtieglu jaghmel l-appellanti kien li jipprova sal-grad tal-probabbli illi dak li kien qieghed ighid kien minnu x'aktarx iva milli le. Din il-Qorti hija tal-fehma, izda li din il-grad tal-prova ma irnexxielux jilhaqaha sabiex jirribatti l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni. Dan ghaliex ghalkemm l-appellanti jishaq illi fil-jum tas-07 ta' Gunju 2015 huwa kien bi hsiebu ihallas ghand kaxxiera ohra u ghalhekk ghadda minn quddiem l-ewwel kaxxiera, madanakollu kemm mill-filmat kif ukoll mix-xhieda li iddeponew *viva voce* jirrizulta illi l-imputat kellu kull intenzjoni jitlaq 'il barra mis-supermarket minghajr ma ihallas, tant hu hekk illi huwa gie mizmum ezattament fir-rampa li taghti ghal *car park* qabel ma wiehed johrog mill-istabbiliment fejn kien jinsab. Ma jidhirx illi fil-post fejn huwa gie imwaqqaf kien hemm xi kaxxiera ohra, kif jallega hu, fejn seta' ihallas billi kif jirrizulta, b'mod specjali mix-xhieda ta' Samantha Cutajar il-kaxxiera mill-post fejn waqqfitu u talbitu r-ricevuta huwa ma seta' imur imkien iktar hlief li johrog ghal barra, u cioe' ghal *car park*[2].

Jilmenta sussidjarjament illi l-Ewwel Qorti malament sabet htija ghar-reat ikkunsmat tas-serq billi kienu neqsin ir-rekwiziti tal-ligi li isawwru dan l-istitut legali fosthom li ma kienx ghadu hareg mill-isfera tal-kontroll tas-sid/possessor. Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: "Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

---

[2] Ara xhieda ta' Samantha Cutajar a fol.129

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.

2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.

3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi irid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

*"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation."*

Issa mill-ezami ta'l-atti jirrizultaw is-segwenti fatti inkontestati:

1. L-appellanti ha l-oggetti minn fuq l-ixkafef ta'l-istabbiliment u qieghdhom f'basket.

2. Qabez il-*cash point* u allura il-post fejn kellu isir il-hlas sabiex issir it-trasferiment tal-proprjeta.

3. beda hiereg 'il barra mill-isfera tal-kontroll tas-sid u cioe' l-sitabbiliment proprjeta tieghu meta hemmhekk huwa gie sfrattat fl-intenzjoni kriminuza tieghu mill-kaxxiera u l-ufficjal tas-sigurta sabiex b'hekk l-oggetti qatt ma harrgu mill-isfera tal-kontroll tas-sid.

Illi din il-Qorti ma tistax taqbel f'dan ir-rigward mal-fehma milhuqa mill-ewwel Qorti illi gjaldarba l-appellanti kien qabez il-*cash points*, allura huwa hati tar-reat

ikkunsmat. Illi t-tejorija esposta mill-ewwel Qorti dwar il-mument li fih isehh il-*contrecatio* hija essenzjali sabiex jigi stabbilit ir-reat tas-serq u mhux jekk il-malvivent irnexxielux fl-intenzjoni kriminuza tieghu. Ma hemmx dubbju illi l-element tal-*contrectatio* jirrizulta ippruvat billi l-appellanti effettivament ha l-oggetti minn fuq l-ixkafef bl-intenzjoni illi huwa ma ihallasx ghalihom u mhux b'xi intenzjoni ohra bhal per ezempju sabiex jezercita xi jedd li kien qed jippretendi li ghandu. Dan l-element gie ippruvat fil-mument illi huwa qabez il-*cash points* u beda hiereg 'il barra mill-istabbiliment, izda huwa ma irnexxileux f'din l-intenzjoni kriminuza tieghu u dan minhabba xi haga indipendenti mill-volonta tieghu meta gie mizmuma milli johrog mis-*supermarket* bl-oggetti misruqa minnu. Illi allura ma hemmx dubbju illi l-appellanti mhux biss ghamel dawk l-atti kollha sabiex jipprepara ruhu biex jikkometti ir-reat izda ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt meta intenta jallontana ruhu mill-post tar-reat, izda gie sfrattat minn dina l-intenzjoni mill-kaxxiera li waqqfitu qabel ma hareg mill-isfera ta' kontroll tas-sid B'hekk l-appellanti ma kellux success fl-intenzjoni kriminuza tieghu ghaliex gie sfrattat mill-ezekuzzjoni tad-delitt minn xi haga indipendenti mill-volonta tieghu. Kwindi l-appellanti hawnhekk ghandu ragun billi ghar-rigward ta'l-akkuza marbuta mas-serqa tas-07 ta' Gunju 2015, kellha tinstab reita' ghat-tentattiv tar-reat tas-serq u mhux ghar-reat ikkunsmat.

Illi l-ahhar aggravvji ventilati mill-appellat jikkoncernaw l-akkuzi marbuta mar-reat tal-offiza volontarja fuq il-persuna ta' Simon Cosby u Jeffrey John Cosgrove. Dan ghaliex jishaq illi huwa kellu kull dritt jirrispondi ghal-agressjoni subita minnu meta huwa gie mizmuma kontra l-volonta tieghu minn dawn it-tnejn minn nies u inoltre ma giex ippruvat illi huwa kellu l-*animus nocendi* u cioe' l-intenzjoni generika li jaghmel hsara kif huwa mehtieg sabiex tinstab htija ghal dina l-offiza. L-appellanti jikkontendi illi ma hemxm prova dwar kif sehhew il-griehi rapportati minn dawn it-tnejn minn nies ghaliex dawn setghu gew ikkagjonati fil-mument illi huma kienu qed jippruvaw izommuh bil-forza mal-art. Illi mill-atti probatorji jirrizulta bil-kontra. Kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti jirrizulta illi kien l-appellanti li imbotta lil Simon Cosby, issarra mieghu tant illi spiccaw waqghu it-tnejn fl-art. Dan wassal lil Cosgrove sabiex ihoss li kellu jintervjeni biex irazzan dina l-agressjoni perpetrata

mill-appellanti. Kwindi dak li jikkontendi l-appellanti huwa ghal kollox inverosmili stante illi fl-ewwel lok huwa kien jaf ben tajjeb x'funzjoni kellu Cosby gewwa l-istabbiliment ta'l-Arcadia u cioe' li jagixxi bhala ufficjal tas-sigurta u li allura dan ma kienx kaz illi huwa gie mizmum illegalment. Fit-tieni lok huwa kien jaf ben tajjeb ukoll ir-raguni 'il ghala Cosby kien qallu biex jidhol fl-ufficcju tieghu u cioe' minhabba l-oggetti li kellu fil-basket tant illi sahansitra l-appellanti urieh il-kartiera u offra li ihallas ghal dawn l-oggetti. Kien biss meta Cosby irrifjuta u qallu li kien ser jitlob l-intervent tal-pulizija illi l-appellanti iddecieda li jagixxi bi vjolenza billi jipprova jahrab u hawnhekk beda jissara ma' Cosby. Din il-Qorti allura tqies illi r-ragjonament milhuq mill-Ewwel Qorti kien wiehed legalment u fattwalment validu u ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha titbieghed mill-istess. Illi ghall-istess mottiv l-aggravvju marbut mal-hames akkuza kontravvenzjonali ukoll qed jigi michud.

Finalment dwar in-natura tal-griehi sofferti minn Simon Cosby u Jeffrey John Cosgrove, ghalkemm din il-qorti taqbel mal-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti li ghalkemm ma kienx hemm sinjal ta' feriti vizibbli, madanakollu l-ugigh soffert minn dawn it-tnejn minn nies jaqghu taht id-definizzjoni tal-ferita hafifa li jitkellem dwarha l-artikolu 221 tal-Kap.9. madanakollu il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni raggunta fid-decizjoni impunjata illi kienet tezisti prova lil hinn minn kull dubbju illi l-ferita sofferta minn Cosgrove giet ippruvata li kienet wahda gravi *per durata*. Dan ghaliex ix-xhud imressaq mill-prosekuzzjoni kien tabib *ex parte* li gie ismejjah biex jaghti il-fehma tieghu meta din il-Qorti ma kenitx hatritu bhala espert taghha. Dak li kellha taghmel l–Ewwel Qorti meta giet rinfaccjata b'zewg rizultanzi medici konfliggenti u cioe' l-X-rays u il-fehma tat-tabib li ikkura lill-Cosgrove *a tempo vergine* u it-tabib *ex parte* li ezamina lill-parti leza mhux inqas minn disat ijiem wara l-incident meta ittiehdu X-rays ohra minn fejn irrizulta l-ksur fil-ksutilja, kellu ikun illi jigi mahtur espert mediko-legali sabiex wara li jezamina dawn il-provi jaghti il-fehma tieghu dwar in-natura tal-griehi sofferti mill-vittma. Illi ghalkemm jidher illi l-X-Ray li ittiehed disat ijiem wara l-incident kien qed jindika li kien hemm ferita gravi, madanakollu kien ghadda certu tul ta' zmien fejn allura seta' kien perikoluz ghall-Ewwel Qorti li tistrieh fuqu billi dan seta' kien konsegwenza ta' xi motiv iehor

mhux necessarjament marbut mal-event dannuz. Ghalhekk anke fir-rigward tal-parti leza Cosgrove, din il-Qorti hija tal-fehma illi ma giex ippruvat sal-grad mehtieg fil-kamp penali illi l-ferita tieghu kienet wahda ta' natura gravi, izda biss hafifa. Maghmula ghalhekk dawn il-kostatazzjonijiet dan l-aggravvju ta'l-appellanti jistoqqlu akkoljiment.

Finalment l-appellanti jilmenta dwar il-piena inflitta fuqu billi iqies illi din kienet wahda eccessiva u dan b'mod specjali meta l-Ewwel Qorti ghaddiet biex titratta mieghu ghal ksur ta'l-Ordni tal-Probation imposta fuqu fis-07 ta' Novembru 2014. Illi din il-Qorti fid-dawl tal-konkluzjonijiet minnha raggunti ser tghaddi biex tvarja il-piena inflitta mill-ewwel Qorti billi fir-rigward tat-tieni akkuza u cioe' l-akkuza dwar is-serqa tas-07 ta' Gunju 2015, l-appellanti ser jinsab hati tat-tentattiv tar-reat u fir-rigward ta'l-akkuza bin-numru 3 huwa ser jinsab hati biss ta' ferita ta' natura hafifa. Issa meta l-Ewwel Qorti ghaddiet biex titratta mal-appellanti dwar il-ksur tal-Ordni ta' Probation imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-07 ta' Novembru 2014 ma giex indikat fl-ebda parti tad-decizjoni impunjata dwar liema reati kien qed jigi trattat l-appellanti u kwindi lanqas id-disposizzjonijiet tal-ligi relattivi ghall-istess. Illi fil-fatt l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi:

"(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti -

(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation , l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni

kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni **b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat**.

Dan ifisser allura illi l-Ewwel Qorti kellha tosserva dak dispost fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali fejn hemm indikat dak li ghandu ikun fiha is-sentenza *ad validitatem* meta jinghad:

**"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."**

Dan ma sarx izda l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tikkundanna lill-appellanti ghal perijodu ta' tmintax-il xahar prigunerija minghajr ma indikat id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom hu kien qed jigi misjub hati u allura li wassal ghal komminazzjoni ta' piena ta' tmintax-il xahar prigunerija, ghalkemm fil-fehma ta' din il-qorti il-perijodu ta' prigunerija erogat mill-Ewwel Qorti ghal dan il-ksur kien wiehed li jaqa' fil-parametri tal-ligi. Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax hlief tiddikjara din il-parti tas-sentenza nulla.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qieghda tilqa' l-appell in parte billi tirrevoka is-senetnza appellata fejn din sabet lill-appellanti hati tar-reat ikkunsmat ghall-akkuza dwar is-serq li sehh fis-07 ta' Gunju 2015, izda wara li rat l-artikolu 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib htija biss ghat-tentattiv tas-serq u ukoll tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellanti gie misjub hati ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jeffrey John Cosgrove u issib htija biss ghar-reat ta' offiza volontarja ta' natura hafifa fuq l-isemmija persuna tirriforma il-piena inflitta u ghalhekk tvarja il-piena inflitta u tikkundanna lill-appellanti ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija.

Inoltre tiddikjara nulla dik il-parti tad-decizjoni impunjata fejn l-Ewwel Qorti itrattat mal-appellanti dwar il-ksur ta'l-Ordni ta' Probation tas-07 ta' Novembru 2014 moghti mill-Qorti tal-Magistrati u bis-setgha moghti lilha bis-sahha tal-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tghaddi biex wara li rat l-artikolu 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta titratta mal-appellanti dwar ir-reati li taghhom gie misjub hati bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-07 ta' Novembru 2014 u wara li rat l-artikoli 17(b)(h),31, 49, 50, 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1) u 334(a) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-artikolu 9 tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax-il xahar prigunerija.

Tikkonferma d-decizjoni impunjata fil-bqija taghha.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur